MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**

**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tal-5 ta' Frar, 2015

Rikors Numru. 36/2014

**AB**

**-vs-**

**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors tar-rikorrenti li permezz tieghu wara li ppremetta :

Illi huwa zzewweg lill-intimata nhar it-28 ta’ Gunju 1978 (Dok. A);

Illi miz-zwieg taghhom kellhom zewgt ibniet X u G, illum it-tnejn maggorenni u mizzewgin;

Illi l-konjugi B isseparaw legalment permezz ta’ kuntratt ta’ separazzjoni tal-20 ta’ Lulju 2004 (Dok B) u ghalhekk ilhom aktar minn disa’ snin separati;

Illi m’hemm l-ebda cans ta’ rikonciljazzjoni bejniethom peress li llum it-tnejn ghandhom hajja separata;

Illi skond il-kuntratt ta’ separazzjoni l-partijiet iddekadew mid-dritt tal-manteniment fil-konfront ta’ xulxin u ghalhekk m’hemm l-ebda kwistjoni ta’ manteniment jew arretrati bejniethom;

Illi ghalhekk hemm ir-rekwiziti kollha tal-ligi mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66 (B) tal-Kodici Civili;

Talab sabiex li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex, fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju bejn il-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;
3. Tordna li l-ispejjez gudizzjarji jithallsu kollha mir-rikorrenti CB;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-14 ta’ Marzu, 2014;

Semghet lill-partijiet jixdhu bil-gurament taghhom;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-20 ta’ Lulju 2004;

Illi ir-rikorrenti ipprova illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta’ manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

# < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------